# PARROĊĊA MARIJA REĠINA

UFFIĊĊJU PARROKKJALI, TRIQ AZZOPARDI, MARSA, MRS 2050, MALTA

28 ta' April 2025

L-E.T. Mons Charles J Scicluna
Arċisqof ta' Malta
Kurja tal-Arċisqof
Floriana

142/2025

Rikors tal-Kan. Dun Anthony Paul Fitzpatrick – Amministratur Parrokkjali

Eċċellenza Reverendissima,

Nesponi bir-rispett illi iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali jinsab fi stat ħażin ħafna tant li qiegħed jitfarrak u diġa kellna 2 min-nies li ċediet biċċa tarġa bihom, waqgħu u weġġgħu.

Diġa fit-8 ta' Frar 2024 flimkien mas-Sur Michael Pace Ross iltqajna mal-Onorevoli Omar Farrugia fuq il-possibilta' li z-zuntier jiġi rranġat mill-gvern.

Ftit tal-ġimgħat ilu ġejt avviċinat mid-Dipartiment tax-xogħlijiet pubbliċi biex nagħmel talba formali u fil-jiem li għaddew ġie jara z-zuntier il-Perit Luke Scicluna li kkonferma l-ħtieġa li z-zuntier jiġi mibdul.

Kif inhi l-prassi infurmajt lill-Provinċjali tal-Kapuċċini fuq il-ħtieġa li dan jiġi mibdul pero irid l-istima li m'għandix għax ħa tkun koperta mill-gvern u l-pjanta li għad trid issir pero l-bidliet huma minimi speċjalment fejn tidħol ir-rampa li mhix konformi mal-liġi.

Nitlob il-gwida tiegħek biex ma nitlifx l-opportunita ta' fondi u anke nieħu ħsieb iz-zuntier, peres li anke jekk iweġġa xi ħaddieħor nista niġi mfittex bħala l-persuna responsabbli.

Nitlob il-barka tiegħek.

Kan. Anthony Paul Fitzpatrick
Amministratur Parrokkjali

Is-Sur Clayton Chetcuti
Segretarju Amministrattiv

Preżentat fil-Kurja Arċiveskovili
Illum 3 ta' Mejju 2025
Charles Buġeja, Kanċillier

parrocca.marsa.mr

parrocca.marsa.mr@maltadiocese.org

# PARROĊĊA MARIJA REĠINA

UFFIĊĊJU PARROKKJALI, TRIQ AZZOPARDI, MARSA, MRS 2050, MALTA


21 ta' April 2025

P. Ivan Scicluna OFM Cap
Ministru Provinċjal
Kurja Provinċjali
Floriana

Għażiż P. Ivan

Kif tkellimna ftit taż-żmien ilu u kif urejtek u qed nibgħat ir-ritratti, l-art taz-zuntier qiegħda ċċedi u tfarrku xi biċċiet minnha b'riżultat li waqgħu xi nies. Hemm ukoll ir-rampa li trid tiġi konformi mal-liġi.

Minħabba li dan jaqa mal-proġetti straordinarji, qiegħed nitlob l-approvazzjoni tagħkom għal dan ix-xogħol.

Konxju mill-qagħda finanzjarja kemm tal-Provinċja imma wkoll tal-Parroċċa, tkellimt ma diversi entitajiet biex insib appoġġ finanzjarju. Fl-aħħar jidher li d-Dipartiment tax-xogħlijiet Pubbliċi lest jidħol għal dan il-proġett biex iz-zuntier jinbena mill-ġdid.

Nisma mingħandek u nawgura lilek u lill-Aħwa kollha Għid Qaddis kif ukoll kull barka waqt il-Kapitlu Provinċjali li ser jiġi ċċelebrat.

Nitlob il-barka tiegħek.

Fr. Anthony Paul Fitzpatrick
Amministratur Parrokkjali

CC. Bro Miguel Zammit OFM Cap
Segretarju Provinċjali


parrocca.marsa.mr

parrocca.marsa.mr@maltadiocese.org







